# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 8 ta' Mejju 2024**

**Rikors numru 1036/2023**

**Jurgen BLUM (passaport Awstrijak numru P6301703) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, Avv. Sarah Sultana (KI 001258M)**

**vs.**

**TSG Interactive Gaming Europe Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' TSG Interactive Gaming Europe Limited.

Rat ir-risposta tal-Av Sarah Sultana bħala mandataraja ta'  Jurgen BLUM.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha fil-proċeduri.

Għalkemm f'dan il-każ ma jirriżultax li ġiet preżentata xi ċedola ta' depożitu in segwitu għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 1025 tal-2023, mir-risposta ta BLUM datata 29 t'April 2024 jirriżulta li huwa ma jsibx oġġezzjoni li l-effetti ta' dan il-mandat eżekuttiv jiġu sospiżi pendenti l-proċeduri mibdija bir-rikors numru 1035/2023AB fl-ismijiet TSG Interactive

Gaming Europe Limited vs. Jurgen BLUM, sabiex imbagħad l-effetti ta’ dak il-mandat jiġu regolati skont l-eżitu ta’ dawk il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' din il-proċedura qed tintalab is-sospensjoni tal-mandat ta' sekwestru numru 1025/2023 fl-ismijiet premessi a tenur tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012[1] jew il-limitazzjoni tal-imsemmi mandat ai termini tal-artikolu 44(1)(a) tar-Regolament (UE) 1215/2012.

Illi qabel xejn, biex jista' jitħaddem dan l-artikolu hemm bżonn li l-ewwel jintwera li jkun hemm pendenti talba għar-rifjut tas-sentenza skont l-**artikolu 46 tar-Regolament**.

Illi wara li qieset numru ta' deċiżjonijiet li ingħataw qabel dwar pendenzi simili, din il-qorti tqis li TSG Interactive Gaming Europe Limited, ippruvat li għamlet il-proceduri appożiti għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi de quo, ai termini tal-artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, kif ukoll li għandha *probabilis causa litigandi*.

Ma jirriżultax li l-premessi fil-kawża de quo għandhom mill-fieragħ, jew li m'għandhomx x'jaqsmu xejn mar-raġunijiet li r-Regolament UE 1215/2012 jipprovdi.

Għalhekk, dwar l-oġġezzjoni li saret  għat-tieni talba, il-qorti tqis illi ladarba qed issib illi s-soċjeta TSG Interactive Gaming Europe Limited għandha *probabilis causa litigandi* u *fumus di fondatezza*, ikun f'loku li l-effetti eżekuttivi tal-mandat ta' sekwestru numru 1025/2023, jiġu sospiżi fis-sens li stante dak previst fl-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, pendenti l-proċedura mibdija bir-rikors numru 1035/2023AB, din il-qorti tordna li l-ammont depożitat ma jkunx żbankat minn ebda waħda mill-partijiet, ħlief jekk u meta dan ikun ordnat bid-deċiżjoni finali fuq ir-rikors numru 1035/2023AB  imsemmi.

---

[1] “Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-Sub Taqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:
(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtelatorji;
(ċ) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.”

# Deċide

**Għaldaqstant, bis-saħħa tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, il-Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti biss in parti, fis-sens li tissospendi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru de quo, b'mod li ebda parti f'dawn il-proċeduri ma tkun tista' tirtira, tiżbanka jew tiġbed ċedoli jew flejjes depożitati fl-atti tal-mandat ta' sekwestru f'dawn il-proċeduri sakemm jiġi deċiż ir-rikors numru 1035/2023AB, li hemm bejn il-partijiet.  Intant stante li t-tielet talba hija alternattiva, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

**Il-Qorti tordna li jiġi immedjatament mgħarraf ir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali b'dan id-digriet sabiex jinnotifika lill-partijiet bih.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Ft/Aaron M. Bugeja
Imħallef

Christianne Borg
Deputat Reġistratur